MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2006

Appell Kriminali Numru. 95/2006

**Il-Pulizija
(Spettur S. Micallef)
Vs**

**Ignatius Joseph Fenech**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-25 t'April, 2005 ghall-habta tal-4.00 p.m., fi Triq Santu Wistin, San Giljan,**
**1) saq vettura nru. MKA-001 meta kien qieghed jiskonta skwalifika jew sospenzjoni mill-licenzja tas-sewqan, b'hekk sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 21 ta' Marzu, 2001 u 9 ta' Lulju, 2001 (Mag. Dr. C. Peralta), fl-1 ta' Marzu, 2005 (Mag. Dr. M. Hayman LL.D) u fis-16 ta' Marzu, 2005 (Mag. Dr. A.J. Vella LL.D);**

**2) saq l-imsemmija vettura nru. MKA-001 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta;**
**3) b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni;**
**4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrifjuta li jaghti jew ta falz il-partikolarijiet tieghu meta kien mitlub lilu mill-Pulizija;**
**5) u qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;**
**6) waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura nru. MKA-001 opera apparat (stereo/radio) b'volum gholi li b'xi mod tellef jew li seta tellfu s-smiegh tieghu sewwa waqt is-sewqan u li kien ta' nkonvenjent ghan-nies ohra fit-triq jew dawk li joqghodu f'bini fil-qrib minhabba l-hsejjes daqshekk qawwija;**
**7) u saq l-istess vettura minghajr ma kien qed jaghmel uzu mis-"seat belt".**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Marzu, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65, l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104, l-Artikolu 59 tal-Kap. 9, l-Artikolu 338(g) u 342 tal-Kap. 89, l-Artikolu 41(2)(a) tal-Kap. 10, l-Avviz Legali 252/2003, kif ukoll l-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel (1) akkuza w ghaldaqstant illiberatu minnha. Iddikjarat ir-raba (4), il-hames (5), is-sitt (6) u seba' (7) akkuzi preskritti, izda sabet lill-istess appellant hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) akkuza w ikkundannatu ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' elf lira Maltin (LM1000). Ikkundannatu wkoll ghal terminu ta' prigunerija ghal zmien tlett (3) xhur u ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-appellant ghal zmien sena (1).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta' Marzu, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha ghar-ragunijiet fuq premessi tvarja w timmodifika s-sentenza msemmija fis-sens li filwaqt li tikkonfermaha kwantu jirrigwarda l-akkuzi li minnhom l-appellant gie liberat u cioe' akkuzi 1, 4, 5, 6 u 7, thassaraha w tirrevokaha minn kull piena w imputazzjoni w fin-nuqqas li din il-qorti tilqa' t-talba ghall-varjazzjoni w modifika tas-sentenza kif mitluba, tvarjaha

fis-sens billi tinfliggi piena inqas severa in partikolari sa fejn jirrigwarda l-piena karcerarja ta’ tlett xhur.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe’ :- li kien hemm konflitt car fid-dettalji tal-akkuza w l-partikolaritajiet moghtija minn dawk li xehdu dwar l-identita’ tal-persuna tant li anki sar verbal bi qbil mall-Qorti f’ dan is-sens. Ghalhekk l-appellant ma setax jinstab hati tat-tieni w tat-tielet imputazzjoni. Illi anki jekk dawn l-akkuzi jirrizultaw, sa fejn jirrigwarda l-piena, din kienet wahda eccessiva. Dan ghaliex l-appellant gie liberat mill-akkuzi l-ohra kollha in partikolari dik tar-recidiva li ovvjament kienet fattur li setghet tawmenta l-grad tal-piena. Piena karcerarja f’ dan il-kaz kienet zgur esagerata.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat il-verbal li bih Dr. Toni Abela ghall-appellant irrileva li l-verbal li hu kien ghamel quddiem l-Ewwel Qorti fl-ahhar seduta, fis-sens illi kien hemm diskrepanza f’ dak li qalu x-xhieda sa fejn jirrigwarda l-identita’ tal-imputat, ma kienx jidher traskritt fl-atti processwali.**

**Rat l-ordni taghha biex id-Deputat Registratur jivverifika mad-Deputat Registratur tal-Ewwel Qorti dwar l-ezistenza o meno ta’ dan il-verbal u biex, jekk jinstab fil-*prime note*, jigi traskritt u inserit fil-process.**

**Rat in-Nota tad-Deputat Registratur John Farrugia, tad-19 ta’ Mejju, 2006, li biha informa lill-Qorti li, wara li saret il-verifika mad-Deputat Registratur tal-Awla tal-Magistrat Dr. A. Vella, irrizulta li fit-8 ta’ Marzu, 2006, Dr. Toni Abela veru kien ghamel verbal li ma jidhirx traskrtitt f’ dak li hemm inserit fil-process. Dan jidher**

**li ma giex traskritt bi zvista peress li l-verbal kien ikompli f' pagna ohra iktar lura fil-*prime note*. Kopja vera taz-zewg pagni tal-*prime note*, immarkati Dok. B. u C., flimkien mal-verbal intier gewipprezentati mall-istess nota.**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi jidher car li l-ewwel aggravju dwar il-mertu jiskaturixxi mill-fatt illi fil-komparixxi, fost il-konnotati tal-appellant, d-data tat-twelid tal-appellant giet indikata bhala "26/4/84", mentri x-xhieda tal-ufficjal tad-Dipartiment tal-Licensing and Testing, Christopher Darmanin, tirriferi ghall-Ignatius Joseph Fenech li *"d-date of birth tieghu hija 26th. April, 1986".***

**Illi mill-ezami tal-istess komparixxi jidher li l-akkuza nharget kontra Ignatius Joseph Fenech, b' karta tal-identita' numru 219186(M), bin Carmelo w Antonia nee' Debattista, mwieled Pieta' u residenti 182, St. Helen Street, Sliema, pero', kif inghid, bid-data tas-sena meta twieled tindika 1984 minnflok 1986. Illi din il-komparixxi giet ovvjament notifikata lill-appellant, tant li fis-seduta tat-8 ta' Marzu, 2006, hu deher quddiem il-Qorti tal-Magistrati biex jirrispondi ghaliha.**

**Illi fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant ma jikkontestax il-fatt li kien hu li nqabad isuq mill-Pulizija fid-data w l-lok indikati fl-imputazzjoni anzi jghid testwalment :-**

"illi fil-hin data u lok in kwistjoni, l-Pulizija, waqt li kienu fuq xogholhom, raw lill-imputat isuq il-vettura fuq imsemmija. Allura huma waqqfuh biex ikellmuh. Waqt li kienu qed ikellmuh allegatament irrizultalhom dak li qieghed jigi akkuzat bih fl-imputazzjoni u cioe' li ma kellux licenzja biex isuq il-vettura MKA 001 u b' hekk lanqas ma kien kopert b' polza tas-sigurta'." *(sottolinear ta' din il-Qorti)*

Inoltre x-xhieda tal-Prosekuzzjoni **PC 1148 Adrian Zahra** w **PC 885 George Portelli**, quddiem din il-Qorti, identifikaw b' mod kategoriku lill-appellant bhala s-sewwieq tal-vettura in kwistjoni dak in-nhar tal-incident, allavolja kien ipprova jizgwidhom billi kien qalilhom li kien jismu "Malcolm Mifsud".

Il-fedina penali aggornata tal-appellant tirriferi ghall-" Fenech, Nazju Joseph , ID 219186 (M) bin Charles u Antoinette Debattista, bir-residenza ta' 182, Triq Sant Elena, Sliema.

**Ikkonsidrat;**

**Illi dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza li c-citazzjoni kull ma hija, hu *"avviso a comparire"* u li bizzejjed li fiha, skond l-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali, c-citazzjoni <u>ssemmi car il-persuna mharrka</u> w ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikolaritajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw u l-importanti hu li bl-uzu tad-dicitura msemmija fic-citazzjoni ikun bizzejjed biex l-imputat ikun jaf ta' x'hiex ezatt kien qed jigi akkuzat.**

**Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, meta l-isem u l-kunjom tal-akkuzat, il-konnotati tal-genituri tieghu, <u>n-numru tal-karta tal-identita'</u> tieghu kif ukoll l-indirizz fejn joqghod u fejn gie notifikat kif ukoll il-jum u x-xahar tat-twelid tieghu jaqblu ma' dawk attwali, bis-semplici fatt li fil-komparixxi, bi zball ovvju, s-sena tat-twelid tieghu giet indikata hazin bhala 1984 minnflok 1986, ma ghandu jhalli ebda dubbju f' mohh hadd li l-appellant effettivament twieled fil-1986 kif del resto jidher minn-numru korrett tal-identity card tieghu li tnizzell fl-istess komparixxi. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-persuna tal-imputat appellant issemmiet car bizzejjed biex ikun jista' jigi identifikat. Umbaghad galadarba li kif intqal fir-rikors tal-appell, tieghu l-appellant, fir-rezo kont tal-fatti fil-qosor, jammetti li kien hu li twaqqaf mill-Pulizija dak in-nhar**

**tal-incident, ma jistax ikun hemm dubju li l-fatti kollha allegati jirriferu ghalih u ghal hadd aktar.**

**Ergo meta l-addett tal-Licencing and Testing Department, Christopher Darmanin, irrifera ghall "Ignatius Joseph Fenech, ID card number 219186 M bid-date of birth tieghu hija 26th. April, 1986," kien indubbjament qed jirriferi ghall-appellant u ghal hadd aktar. Ghalhekk hawn ma hemm ebda diffikulta' f' mohh din il-Qorti - u lanqas kellu jkun hemm f' mohh l-Ewwel Qorti - dwar l-identita' tal-appellant u li din hija l-istess bhal dik tal-persuna li giet imwaqqfa mill-Pulizija fil-lok u data indikati fil-komparixxi.**

**Umbaghad, mix-xhieda ta' dan Darmanin jirrizulta li mir-ricerka li hu ghamel fid-Dipartiment imsemmi, rrizultalu li l-appellant m' ghandux licenzja tas-sewqan. Mhux biss imma sahansitra kellu skwalifika milli jotttjeni jew ikollu licenzja tas-sewqan li tkopri mill-1 ta' Marzu, 2005 sat-28 ta' Frar, 2006, u cioe' f' periodu li kien ikopri d-data tal-incident mertu ta' dan l-appell.**

**Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant jidher manifestament infondat u qed jigi respint.**

**Illi dwar il-piena, il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara**. "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.)**

**Illi kemm l-artikolu 15 (1) (a) tal-Kap.65 li jikkontempla r-reat ta' min isuq vettura minghajr licenzja tas-sewqan, kif ukoll l-artikolu 3 (1) tal-Kap.104 li jikkontempla r-reat ta' min isuq minghajr kopertura ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni, jipprovdu kemm ghall-piena pekunjarja kif ukoll ghal piena karcerarja.**

**Di fatti t-tieni imputazzjoni cioe' dik ta' sewqan minghajr licenzja tas-sewqan tikser d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 15 (1) (a) u (3) tal-Kap.65 tal-ligijiet ta' Malta u l-piena ghaliha hija dik tal-multa ta' mhux izjed minn mitt lira jew** <u>prigunerija</u> **ta' mhux izjed minn tlitt xhur. Ir-reat ta' sewqan ta' vettura minghajr kopertura b' polza tas-sikurta' kontra r-riskji ta' terzi , skond l-artikolu 3 (1) (2) tal-Kap.104, kif emendati bl-Att XXX tas-sena 2002, igib mieghu fil-kaz tal-ewwel reat , kundanna ghall-multa ta' mhux inqas minn LM1000 u mhux izjed minn LM2000 jew prigunerija ta' mhux aktar minn tlitt xhur, jew il-multa w prigunerija flimkien; fil-kaz tat-tieni kundanna, multa ta' mhux inqas minn LM2000 u mhux izjed minn LM2500 jew dik ta' prigunerija ta' mhux aktar minn sitt xhur, jew it-tnejn f' daqqa; u fil-kaz tat-tielet kundanna jew aktar, multa ta' mhux inqas minn LM2500 u mhux aktar minn LM3000 jew dik tal-prigunerija sa mhux aktar minn sena jew it-tnejn f' daqqa, kif ukoll il-konfiska tal-vettura w skwalifika mill-licenzji tas-sewqan ghal zmien tnax il-xahar.**

**Konsidrat umbaghad li mill-fedina penali tal-appellant jirrizulta li din hija s-seba' kundanna li hu qed jissubixxi mis-sena 2001 'l hawn fir-rigward tar-reat ta' sewqan bla kopertura ta' polza kontra r-risjki ta' terzi persuni, dan suppost li gab mieghu kundanna ghall-<u>piena pekunjarja ta' mhux inqas minn elfejn u hames mitt</u> w ta' mhux izjed minn tlitt elef lira ghat-tielet kundanna jew aktar jew ghall-prigunerija ghal mhux aktar minn sena, jew kemm il-prigunerija jew il-multa f' daqqa, apparti s-sanzjonijiet l-ohra mandatorji ta' skwalifika w konfiska tal-vettura li l-Ewwel Qorti suppost li applikat una volta sabet il-htija, kieku rat il-fedina penali tal-appellant. Biex jigu applikati dawn il-gradwatorji fil-piena imposti mill-ligi ma hemmx ghalfejn ikun hemm xi akkuza ta' recidiva li tirrizulta. Bizzejjed li l-Qrati jezaminaw kif suppost il-fedina penali tal-imputat.**

**Ghalhekk ma hemmx dubju li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti mhux biss hija entro dik li tippermetti l-**

**ligi, imma addirittura kienet inqas minn dak li trid il-ligi ghar-rigward tal-multa w kwart il-massimu tal-piena karcerarja erogabbli fic-cirkostanzi. Pero’ dwar dan ma sarx appell mill-Avukat Generali.**

**Illi dwar jekk il-piena hix wahda esagerata, kif gja intqal, mill-ezami tal-fedina penali tal-appellant, li wkoll ma hemmx dubju li tirriferi ghalih ghaliex il-konnotati kollha huma korretti, jirrizulta li bejn is-sena 2001 u l-prezent, l-appellant gie misjub hati mill-inqas seba (7) darbiet ta’ sewqan bla licenzja u bla ma kien kopert b’ polza tas-sigurta’ kontra r-riskji ta’ terzi. Minkejja diversi sentenzi fejn gie kundannat ihallas multa biss, huwa baqa’ ghaddej jikser l-istess ligi ripetutament u, oltre ghal dan il-kaz, gja gie kundannat darbtejn ghall-piena karcerarja. Ghalhekk jidher li l-appellant qed jinjora ghal kollox il-ligi w jaghmel fattieh. Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tara li hemm ebda raguni ghaliex ghandha tbiddel jew tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Konsegwentement l-aggravju dwar il-piena wkoll qed jigi respint.**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha, b’ dana li l-periodu tal-iskwalifika mill-licenzji tas-sewqan ghal zmien sena, jibda jiddekorri mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------